

## *Il-Ħames Kappella f'San Ġwann*

# Il-Kappella ta' Sant' Andrija

Chev. Tony C. Cutajar



Madwar Malta kollha wieħed isib għadd ta' kappelli antiki u sempliċi, speċjalment fl-irħula. Tagħrif dwarhom insibuh fir-rapport tal-Isqof Pietro Dusina fiż-żjara appostolika tiegħu fl-1575. Dan ir-rapport huwa l-ewwel dokumentarju dettaljat dwar l-istat tal-Knisja f'Malta fi żmienu. Dan kien għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir tal-1565 meta l-kappelli kważi kollha kienu ġew meqruda mit-Torok wara li serqu kulma sabu fihom. Fil-kundizzjoni ħażina li kienu ħallewhom, xi wħud minn dawn il-kappelli ġew dekonsagrati jew ipprofanati.

F'San Ġwann għandna erba' kappelli antiki li wkoll għandhom storja interessanti. L-aktar waħda antika u li ssemmiet għall-ewwwel darba minn Mons. Dusina kienet dik tal-Mensija. Il-kappella ta' San Ġwann tal-Għargħar issemmiet kemm-il darba fil-visti tal-isqfijiet sa mill-1615. Fl-1680 l-Isqof Molina żar il-kappella ta' Santa Margerita li kienet ġiet profanata fl-1605 u mibnija mill-ġdid ftit wara. L-aktar kappella riċenti hija dik ta' San Filippu u San Ġakbu magħrufa aħjar bħala Tal-Prepostu li kienet inbniet fl-1733.

Iżda kellna kappella oħra li waqgħet ħafna snin ilu u tajjeb li nkunu nafu xi ħaġa dwarha, speċjalment għax in-naħat fejn kienet huwa magħruf illum bħala San Andrea estate.

Skont Monsinjur Borg ("Melita Sacra", fejn hemm referanza għar-rapport mitluf taż-żjara tal-Isqof Cubelles f'Malta), din il-kappella deskritta bħala f'Wied Għomor issemmiet għall-ewwel darba fis-sena 1539. Huwa jgħid li l-kappella tat isimha lir-reġjun kollu mill-Għargħar sal-kosta tat-Tramuntana (illum magħrufa bħala St Andrew's). Jiġifieri ma kinux l-Ingliżi li taw dak l-isem lil dawk in-naħat.

Hemm referenza ċara għal din il-kappella fir-rapport tal-Isqof Dusina meta nstabet fi stat ħażin ħafna. Fl-1601, il-Kappillan ta' Birkirkara wiegħed li tissewwa. Fl-1659 hija ġiet profanata u l-artal ġie meħud fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara. Fl-1722, meta nħass il-bżonn li l-kappella f'Tal-Mensija tiġi mkabbra u riabilitata, l-Isqof Gori Mancini ordna li l-ġebel mill-kappella ta' Sant'Andrija jiġi riċiklat f'Tal-Mensija. Is-Sur Joe Spiteri Staines għandu l-pittura prezzjuża magħmula minn xi ħadd jiġi minnu bid-data tal-5.iii.1888. Il-pittura turi l-kappella nofsha mwaqqa', kważi eżatt kif kienet tħalliet il-kappella ta' Santa Margerita sa ftit snin ilu.

Wirt San Ġwann u l-Kunsill Lokali se jibnu kolonna biex jikkommemoraw din il-kappella. Il-kolonna se titwaqqaf fit-tarf ta' Triq Tal-Mensija.